# Social Work Unit

## MIN AĦNA

Is-Social Work Unit joffri servizz professjonali ta' social work lil klijenti minn oqsma differenti tal-ħajja peress li joffri servizz ġeneriku. Dan ivarja minn għajnuna fl-akkwist ta' ħtiġijiet bażiċi sa kitba ta' rapport soċjali biex il-klijent jibbenefika minn servizz speċifiku. It-Taqsima tagħna taħdem fuq każijiet riferuti mill-Qrati tal-Familja. Dan normalment jinvolvi żjarat ta' aċċess taħt superviżjoni, Surprise Home Visits, kitba ta' rapporti tal-Qorti li jiġu ppreżentati lill-Qorti kif ukoll xhieda fis-seduti tal-qorti. Is-Social Work Unit tagħti servizz ta' social work komprensiv u ġeneriku bi sħab mal-klijent biex jaqdi l-bżonnijiet diversi u l-benessere tal-individwu jew tal-familja li jista' jirrikjedi intervent ta' social work.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://ghawdex.gov.mt/public-bodies/unita-ta-hidma-socjali/*.

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 10-15-il minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 2 jumejn tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *socialworkunit.mfg@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

*Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 2 jumejn tax-xogħol.*

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Social Work Unit, Livell 3 Tiġrija Palazz, Triq ir-Repubblika, Rabat Għawdex
- Sajf mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 08:00-13:30, Sibt: 08:00-11:30; Xitwa mit-Tnejn sal-Ħamis 08:00-12:30, Ġimgħa 10:00-14:00, Sibt 08:00-12:30, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://ghawdex.gov.mt/public-bodies/unita-ta-hidma-socjali/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *socialworkunit.mfg@gov.mt*
  +356 2215 6630 / 2215 6638